TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**John Borg**

**Vs**

**PC Options Ltd/Scan**

**CCT 103/24/MM**

**Illum,** 11 ta' Marzu 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2024 fejn talab is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti l-valur ta' laptop mixtri mingħand is-soċjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata.

Ra illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2024 ir-rikorrent irriduċa l-ammont tat-talba għas-somma ta' elf tlett mija u disgħa u disgħin ewro (€1,399).

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti ħa l-laptop tiegħu għat-tiswijiet għand is-soċjeta' intimata wara li nnota ħoss qisu tisfira ġej mill-apparat. Mal-ispezzjoni, is-soċjeta' intimata sabet insetti ħajjin ġewwa l-laptop u rrifjutat li tagħmel kwalsiasi servizz, u tat struzzjonijiet lill-klijent biex inaddaf il-laptop u jerġa jġibu lura. Meta r-rikorrent irritorna għat-tieni darba, is-soċjeta' intimata reġgħet sabet insetti ħajjin u talbet lir-rikorrenti jerġa jnaddfu. Fit-tielet tentattiv, is-soċjeta' intimata aċċettat il-laptop, u stqarret li finalment kien nadif u seta' jiġi spezzjonat. Madankollu, wara l-ittestjar, infurmaw lill-klijent li l-laptop ma kienx qed jaħdem u kkonkludew li ma kien hemm

xejn li setgħu jagħmlu. Huma avżaw lill-klijent li l-mainboard kienet għalja wisq biex tissostitwixxi u li l-laptop ma kienx ta' min jissewwa. Fuq din il-parir, il-klijent xtara laptop ġdid mingħand l-istess soċjeta' intimata, stante li emmen li l-laptop l-antik tiegħu ma kienx jista' jissewwa. Madankollu, xi żmien wara li xtara l-laptop il-ġdid, ir-rikorrent skopra li l-laptop antik tiegħu reġa beda jaħdem waħdu, u dan qajjem tħassib dwar l-eżattezza tad-dijanjosi li għamlet is-soċjeta' intimata.

Illi s-soċjeta' intimata tikkonfemra l-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti bid-differenza li tgħid li l-fatt li l-laptop l-antik illum qiegħad jaħdem ma jfissirx li huwa tajjeb. Minhabba li raw f'liema diżordni kien il-laptop huma jemmnu li xi darba jew oħra dan xorta se jkollu problema.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

**Ikkunsidra**

Il-kwistjoni ewlenija f'dan il-każ hija li s-soċjeta' intimata iddijanjostikat ħażin il-kundizzjoni tal-laptop, u wasslet lill-klijent biex jemmen li ma kienx jissewwa meta dan ma kienx il-każ. Illi mhux kontestat li s-soċjeta' intimata kkonkludiet li l-laptop ma kienx ta' min jissewwa. Fuq il-bażi ta' dan il-parir, ir-rikorrent xtara laptop ġdid, biex aktar tard jiskopri li l-laptop antik tiegħu reġa' beda jaħdem bla mistenni. Illi s-soċjeta' intimata issa qegħda targumenta sempliċement għax il-laptop qed jaħdem ma jfissirx li huwa tajjeb, u li l-kwistjoni tista' tirrepeti ruħha fil-ġejjieni. Filwaqt li dan jista' jkun minnu, ma jiskużax id-dijanjosi żbaljata preċedenti tagħhom u l-parir ħażin, li influwenzaw direttament id-deċiżjoni tar-rikorrent li jixtri laptop ġdid mingħand l-istess soċjeta' intimata.

Illi din is-sitwazzjoni pero' sa ċertu punt tirrifletti xi ftit jew wisq fuq l-istat tal-laptop u ma jistax jiġi eskluż li fil-mument meta l-laptop kien għandhom il-laptop ma ħadimx. Illi kieku kienet daqshekk sempliċi kif spjega r-rikorrent u ċioe' li l-laptop beda jaħdem meta bintu sempliċiment għafset il-power button, u ħadem tajjeb, allura x'kien l-iskop li r-rikorrent ħa l-laptop għat-tiswija? Dan ifisser li xi ħaġa ħażina l-laptop kellu żgur. Il-fatt li dan id-difett jew ħsara ma nqabdax mis-soċjeta' intimata huwa argument ieħor li ser jiġi trattat aktar l-isfel.

Minn naħa l-oħra, jidher li s-soċjeta' initmata ma jidhirx li għamlet xi testijiet fit-tul u jidher li qatat qalbha mal-ewwel intopp. Ma jirriżultax li għamlu numru ta' testijiet fi ġranet jew ħinijiet differenti u lanqas ma jidher li l-ħaddiem inkarigat ppruva jikkonsultaw ma ħaddiema oħra aktar speċjalizzati. Illi din tagħti l-impressjoni li peress li l-garanzijja ma kinietx valida stante li fil-laptop instabu xi insetti ħajjin, is-soċjeta' intimata iktar kienet interessatli li tbiegħ lir-rikorrent laptop ġdid milli ssewwilu l-antik. In-nuqqas tas-soċjeta' intimata li tevalwa l-laptop m'mod serju u professjonali poġġa lill-klijent f'pożizzjoni inġusta, li wasslu biex jidħol fi spiża finanzjarju bla bżonn.

Minn naħa l-oħra, peress li l-garanzija kienet diġà nulla, ir-rikorrent ma kellu l-ebda żvantaġġ biex jipprova jieħu opinjoni oħra jew jekk ikun il-bżonn jagħmel tiswijiet addizzjonali għand

terzi, iżda minflok huwa għaġġel u għażel li jixtri laptop ġdid. Finalment huwa xtara l-laptop ġdid b'mod volontarju u dan ser jirrifletti fid-deċiżjoni tat-Tribunal.

**Ikkunsidra**

Illi il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqas milli jissostanzja jew jispjega kif wasal għall-ammont mitlub minnu bi provi konkreti. Kien jispetta lir-rikorrenti iressaq provi tajbin u suffiċjenti bħal l-irċevuta tal-laptop il-ġdid biex jiġi stabbilit jekk huwiex minnu li r-rikorrenti xtara laptop ġdid u kemm kien il-prezz ta' tali laptop. Minn naġa l-oħra fir-risposta tas-soċjetà intimata hemm bħal donnu konferma li r-rikorrenti verament xtara laptop ġdid pero' m'huwiex ċar jekk dan hux qed jingħad għax qed jistrieħu fuq dak li qalilhom ir-rikorrenti jew għax is-soċjetà' intimata setat tivverifika dan il-fatt indipendentement.

Illi jidher ukoll li r-rikorrent huwa konvint li l-laptop l-antik huwa f'kundizzjoni perfetta u anki ġab rapport mingħand is-soċjeta' Compeduc datat 15 ta' Mejju 2024 li jikkonferma dan. Dan ifisser li skont l-istess rikorrenti huwa se jkun qed igawdi kemm il-laptop il-qadim u naturalment il-laptop il-ġdid u dan il-fattur ukoll ser jittieħed in kunsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni.

Għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi biex jilqa' t-talba parzjalment.

**Deċiżjoni**

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba parzjalment u jillikwida ammont *arbitro bon viri* u qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' ħames mitt ewro (€500).

L-ispejjeż ta' din is-sentenza jibqgħu bal taxxa bejn il-partijiet.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**